SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

2 ta' Ottubru 2024*

"Servizz pubbliku – Membru tal-persunal bil-kuntratt – Rifjut ta' rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti – Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal – Rikors għal annullament – Att li jikkawża preġudizzju – Deċiżjoni li tiffissa b'mod definittiv il-pożizzjoni tal-amministrazzjoni – Ammissibbiltà – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Dmir ta' premura"

Fil-Kawża T-448/22,

PW, irrappreżentat minn S. Rodrigues u A. Champetier, avukati,

rikorrent,

vs

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), irrappreżentat minn A. Ireland, S. Falek u R. Coesme, bħala aġenti,

konvenut,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn R. da Silva Passos, President, S. Gervasoni u T. Pynnä (Relatriċi), Imħallfin,

Reġistratur: V. Di Bucci,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura, b'mod partikolari:

– il-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali lill-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għal dawn il-mistoqsijiet sottomessi fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Marzu 2024,

– il-mistoqsija bil-miktub tal-Qorti Ġenerali lis-SEAE u t-tweġiba tagħha sottomessa fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' April 2024 kif ukoll l-osservazzjonijiet tar-rikorrent dwar din it-tweġiba sottomessi fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Mejju 2024,

wara li rat l-assenza ta' talba għal iffissar ta' seduta mressqa mill-partijiet fit-terminu ta' tliet ġimgħat mill-komunikazzjoni ta' għeluq il-fażi bil-miktub tal-proċedura u peress li ddeċidiet, skont l-Artikolu 106(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li tiddeċiedi mingħajr fażi orali tal-proċedura,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent, PW, jitlob l-annullament tad-deċiżjoni impliċita tat-30 ta' Lulju 2021 li tiċħad it-talba tiegħu għal ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għas-sena 2020 kollha għal dak li jikkonċerna l-ulied dipendenti tiegħu.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Fis-16 ta' Frar 2020, ir-rikorrent ingħaqad mad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tinsab f'Washington, DC (l-Istati Uniti), fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-persunal bil-kuntratt tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), taħt l-Artikolu 3a tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"Kundizzjonijiet tal-Impjieg"). Il-konjuġi tar-rikorrent kienet fis-servizz tal-Parlament Ewropew fi Brussell (il-Belġju).

3 Permezz ta' nota tad-9 ta' Marzu 2020, l-Uffiċċju "Amministrazzjoni u Ħlas tal-Intitolamenti Individwali" (PMO) tal-Kummissjoni Ewropea informa lir-rikorrent dwar id-drittijiet u allowances finanzjarji tiegħu bis-saħħa tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"). Fir-rigward tal-allowances tal-familja, ġie ppreċiżat f'din in-nota li dawn kienu tħallsu lill-konjuġi tar-rikorrent u, fir-rigward tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali, li dawn kienu ġew ipproċessati mis-SEAE. Tniżżel ukoll, fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 6 li, "fil-każ ta' ulied li ż-żewġ ġenituri tagħhom [kienu] jaħdmu fl-istituzzjonijiet, [dawn tal-aħħar kienu] liberi li jitolbu l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar anwali għal [uliedhom] fuq il-bażi tal-post ta' oriġini tal-ġenitur l-ieħor jekk dan [kien] iktar vantaġġuż", u li, "f'dan il-każ, tkun neċessarja talba konġunta taż-żewġ ġenituri".

4 Fit-23 ta' Ġunju 2020, ir-rikorrent ikkuntattja lis-SEAE sabiex jitlob il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għalih innifsu u għal uliedu dipendenti. Is-SEAE wieġbu, fl-istess jum, li l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali kien ġie inserit fuq ir-remunerazzjoni tiegħu tax-xahar ta' Awwissu 2020 u bagħatlu screenshot li juri x'kien jinkludi dan il-ħlas. Wara din it-tweġiba, ir-rikorrent talab li jiġi miżjud il-ħlas għall-ulied dipendenti tiegħu, talba li għaliha s-SEAE wieġeb, dejjem fit-23 ta' Ġunju 2020, li ma kienx possibbli li jipproċedi għall-korrezzjoni tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali ġaladarba, fis-Sysper, ulied ir-rikorrent ma kinux jidhru bħala dipendenti tiegħu. Sabiex tkun tista' tipproċedi għall-ħlas, is-SEAE ssuġġerixxa lir-rikorrent jikkuntattja l-PMO u jitolbu jirrevedi l-kompożizzjoni tal-familja tiegħu kif ukoll il-persuni dipendenti tiegħu.

5 Fis-26 ta' Ġunju 2020, ir-rikorrent talab lill-PMO jikkoreġi l-fatt li wliedu ma kinux jidhru bħala dipendenti tiegħu fis-Sysper. Huwa żied li sa dik id-data, l-allowances kollha, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-vjaġġ tluq u ritorn bejn Brussell u Madrid (Spanja), kienu jitħallsu lill-konjuġi tiegħu iżda li, mix-xahar ta' Frar 2020, dawn għandhom jitħallsu lilu, għal vjaġġ tluq u ritorn bejn Washington u Madrid. Fl-istess jum, il-PM spjega li n-nota tad-9 ta' Marzu 2020 kienet tikkonferma li l-allowances tal-familja kienu tħallsu lill-konjuġi tar-rikorrent u ta struzzjonijiet lir-rikorrent dwar il-mod kif kellu jipproċedi sabiex l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tal-koppja jitħallsu lilu.

6 Dejjem fis-26 ta' Ġunju 2020, ir-rikorrent talab li jiġi ttrasferit il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tal-koppja fuq il-kont tiegħu, talba li ġiet ikkonfermata mill-konjuġi tiegħu, konformement mal-istruzzjonijiet tal-PMO, fid-29 ta' Ġunju 2020.

7 Permezz ta' ittra elettronika tad-29 ta' Ġunju 2020, il-PMO kkonferma lir-rikorrent li pproċeda għat-trasferiment tal-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għal ulied il-koppja fuq il-kont tar-rikorrent mill-1 ta' Jannar 2021. Dan spjega kif il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali kien sar is-snin kollha bil-ħlas tas-salarju tax-xahar ta' Ġunju u li, għalhekk, it-talbiet marbuta magħhom kellhom jitressqu qabel it-2 ta' Mejju u ma setgħux ikunu retroattivi. Peress li t-talba tar-rikorrent kienet tressqet wara t-2 ta' Mejju 2020, it-trasferiment seta' jibda japplika biss mill-1 ta' Jannar 2021. Għalhekk, il-PMO indika li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għal ulied il-koppja kienu tħallsu lill-konjuġi tar-rikorrent għas-sena 2020.

8 Permezz ta' ittra elettronika tad-9 ta' Lulju 2020, il-PMO kkonferma l-pożizzjoni tiegħu billi semma' li n-nota tad-9 ta' Marzu 2020 kienet tispjega b'mod ċar li l-ħlas ma kienx sar awtomatikament lill-ġenitur li fir-rigward tiegħu d-distanza kienet l-iktar vantaġġuża iżda kien sar fuq talba. Minħabba l-grad ogħla tagħha, il-konjuġi tar-rikorrent kienet tirċievi l-allowances tal-familja u, b'hekk, il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali. Għalhekk, talba komuni intiża sabiex jiġu ttrasferiti lir-rikorrent l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tal-koppja missha saret qabel it-2 ta' Mejju 2020.

9 Kemm l-ittra elettronika tad-29 ta' Ġunju 2020 kif ukoll dik tad-9 ta' Lulju 2020 kienu jinkludu d-dikjarazzjoni li l-"messaġġ [korrispondenti] [kien] intbagħat bħala informazzjoni u ma [kienx] jikkostitwixxi deċiżjoni […] li tista' tkun suġġetta għal ilment taħt l-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal".

10 Fis-27 ta' Lulju 2020, ir-rikorrent ikkontesta l-pożizzjoni tal-PMO billi osserva, b'mod partikolari, li t-terminu applikat minn dan tal-aħħar la kien issemma fin-nota tad-9 ta' Marzu 2020 u lanqas ma kien issemma fi struzzjonijiet oħra mogħtija ma' dħul fil-funzjonijiet tiegħu.

11 Flimkien mas-salarju tax-xahar ta' Lulju 2020, il-konjuġi tar-rikorrent irċeviet il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tal-koppja, ikkalkolati fuq il-bażi tad-distanza bejn Brussell u Madrid.

12 Fit-30 ta' Lulju 2020, il-PMO tenna l-pożizzjoni tiegħu hekk kif spjegata fl-ittra elettronika tad-29 ta' Ġunju u tad-9 ta' Lulju 2020 u żied li l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied tal-koppja diġà kien sar favur il-konjuġi tar-rikorrent mill-Parlament.

13 Permezz ta' nota tad-19 ta' Novembru 2020, il-PMO informa lir-rikorrent li, wara t-talba komuni tal-koppja, l-allowances tal-familja għall-erba' ulied dipendenti tagħhom kienu ġew ittrasferiti fuq il-kont tar-rikorrent b'effett mill-1 ta' Novembru 2020, filwaqt li l-allowance tad-dar kompla jitħallas lill-konjuġi tiegħu.

14 Permezz ta' ittra elettronika tas-7 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrent indika lis-SEAE li kien wasal biex kiseb ir-reġistrazzjoni tal-ulied dipendenti tiegħu fis-Sysper u talab li jiġi rregolarizzat il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għas-sena 2020. Huwa tenna din it-talba fl-14 u fit-18 ta' Jannar 2021.

15 Permezz ta' ittra elettronika tat-18 ta' Jannar 2021, is-SEAE indika lir-rikorrent li, wara r-rettifiki li saru fis-sistema Sysper, kellu jsir il-ħlas ta' "2/12" għall-ulied dipendenti tiegħu mas-salarju tiegħu għax-xahar ta' Frar.

16 Permezz ta' ittra elettronika tal-11 ta' Frar 2021, ir-rikorrent indika lis-SEAE li ma kienx irċieva l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar mas-salarju tiegħu tax-xahar ta' Frar, bagħatlu kopja tal-karta tas-salarju u staqsa lis-SEAE meta kien se jsir il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar.

17 Fit-12 ta' Frar 2021, is-SEAE kkonferma li l-ħlas kien ġie inserit korrettament fis-Sysper u talab lill-PMO jivverifika għalfejn dan ma kienx ġie eżegwit. Fl-istess jum, il-PMO indika li, anki jekk id-drittijiet kienu ġew inseriti korrettament fis-Sysper, kien tard wisq biex isir il-ħlas mas-salarju tax-xahar ta' Frar u li l-ħlas kellu jsir mas-salarju tax-xahar ta' Marzu.

18 Permezz ta' ittra elettronika tal-15 ta' Marzu 2021, ir-rikorrent indika kemm lis-SEAE kif ukoll lill-PMO li l-ħlas ma kienx sar mas-salarju tiegħu tax-xahar ta' Marzu u talab biex dan isir malajr kemm jista' jkun. Fl-istess jum, il-PMO, bis-SEAE f'kopja fil-messaġġ tiegħu, ikkonferma li l-ħlas kien ser isir f'April.

19 Permezz ta' ittra elettronika fit-23 ta' Marzu 2021, ir-rikorrent talab kemm lis-SEAE kif ukoll lill-PMO biex jiġi vverifikat li kollox kien mingħajr problemi biex dan il-ħlas ikun jista' jsir korrettament mas-salarju tiegħu tax-xahar ta' April.

20 Permezz ta' ittra elettronika tad-29 ta' Marzu 2021, il-PMO informa lir-rikorrent li, wara analiżi fid-dettall tal-fajl tiegħu, kien jidher li kien diġà rċieva l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali mas-salarji tiegħu tax-xhur ta' Awwissu 2020 (EUR 9 882.10), ta' Diċembru 2020 (EUR 1 273.32) u ta' Frar 2021 (EUR 3 506.26) u bagħat lir-rikorrent tabella b'informazzjoni rilevanti f'dan ir-rigward.

21 Permezz ta' ittra elettronika tat-30 ta' Marzu 2021 indirizzata lill-PMO, bis-SEAE f'kopja, ir-rikorrent ikkontesta l-ammont totali indikat mill-PMO fl-ittra elettronika tiegħu tad-29 ta' Marzu 2021. Filwaqt li fakkar l-azzjoni li huwa kien ħa biex uliedu jiġu inseriti bħala dipendenti tiegħu fis-Sysper, huwa spjega li kien iqis li kellu d-dritt li jirċievi l-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tiegħu għas-sena 2020. Huwa talab li l-pożizzjoni tal-amministrazzjoni tiġi kkunsidrata mill-ġdid u li l-ħlas tal-ammonti korrispondenti kollha jsir. Permezz ta' ittra elettronika tas-7 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrent tenna din it-talba.

22 Is-SEAE ma weġibx għal din l-ittra elettronika.

23 Fit-28 ta' Ottubru 2021, ir-rikorrent ressaq ilment taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunali kontra d-"deċiżjoni impliċita tat-30 ta' Lulju 2021 li tirrifjuta li tikkoreġi l-kalkolu tar-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali […] għall-2020", billi sostna ksur tal-Artikoli 7 u 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura.

24 Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' April 2022, l-ilment tiegħu ġie miċħud bħala inammissibbli peress li s-SEAE kkunsidra li l-att li jikkawża preġudizzju lir-rikorrent kienet l-ittra elettronika tat-18 ta' Jannar 2021.

It-talbiet tal-partijiet

25 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni impliċita tat-30 ta' Lulju 2021;

– tannulla, sa fejn ikun meħtieġ, id-deċiżjoni li tiċħad l-ilment;

– tikkundanna lis-SEAE għall-ispejjeż.

26 Is-SEAE jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

– fi kwalunkwe każ, tiċħad ir-rikors bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq l-ammissibbiltà

27 Is-SEAE kkontesta r-rikors b'eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li permezz tagħha sostna li dan tal-aħħar huwa inammissibli inkwantu l-ilment ma tressaqx kontra att li jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fis-sens tal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Is-SEAE jsostni li ma jistax jiġi kkunsidrat li ngħatat deċiżjoni impliċita fit-30 ta' Lulju 2021. Fil-fatt, minn naħa, l-att li jikkawża preġudizzju hija l-ittra elettronika tas-SEAE tat-18 ta' Jannar 2021, data li fiha s-SEAE esprima l-pożizzjoni finali tiegħu dwar il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tal-koppja għas-sena 2020. Min-naħa l-oħra, l-ittra elettronika tal-PMO tad-29 ta' Marzu 2021 hija ta' natura konfermattiva u ma tistax titqies li tinkludi fatti ġodda u sostanzjali li jippermettu li jiġi kkunsidrat li l-ittra elettronika tar-rikorrent tat-30 ta' Marzu 2021 kienet tikkostitwixxi talba għal eżami mill-ġdid skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal.

28 Fi kwalunkwe każ, is-SEAE kkunsidra li t-terminu ta' tliet xhur sabiex jiġi kkontestat l-att li jikkawża preġudizzju permezz ta' lment imressaq taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ma ġiex osservat. Fil-fatt, peress li l-att li jikkawża preġudizzju kienet l-ittra elettronika tat-18 ta' Jannar 2021, it-terminu ta' tliet xhur skada sew qabel it-28 ta' Ottubru 2021, data tas-sottomissjoni tal-ilment.

29 Skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal "[k]ull persuna li japplikaw għaliha dawn ir-Regolamenti tal-Persunal tista' tibgħat ilment lill-awtorità tal-ħatra kontra att li taffettwah ħażin, kemm jekk l-imsemmi awtorità ħadet deċiżjoni, jew fejn naqset li tadotta miżura preskritta mir-Regolamenti tal-Persunal" u "[l]-ilment irid isir fi żmien tliet xhur".

30 L-Artikolu 91(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi li r-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali huwa inammissibbli jekk qabel ma jkunx tressaq ilment suġġett għal terminu ta' tliet xhur.

31 Skont ġurisprudenza stabbilita s-sempliċi miżuri adottati mill-awtorità kompetenti li jipproduċu effetti legali vinkolanti tali li jaffettwaw direttament u immedjatament l-interessi tal-parti kkonċernata, billi jbiddlu b'mod kunsiderevoli s-sitwazzjoni legali tagħha u li jiffissaw definittivament il-pożizzjoni tal-istituzzjoni, jikkostitwixxu atti li jikkawżaw preġudizzju (sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Alvarez Moreno, C-373/04 P, EU:C:2006:11, punt 42; tal-20 ta' Mejju 2010, Il-Kummissjoni vs Violetti *et*, T-261/09 P, EU:T:2010:215, punt 46 u tat-8 ta' Ottubru 2014, Bermejo Garde vs KESE, T-530/12 P, EU:T:2014:860, punt 45).

32 F'dan il-każ, l-ittra elettronika tat-18 ta' Jannar 2021 intbagħtet mill-unità tas-SEAE kompetenti għall-kwistjonijiet ta' riżorsi umani "drittijiet, obbligi u ċellula medika". Din hija ffirmata minn assistent f'din l-unità. Din tispjega lir-rikorrent li qabel ma kinitx intbagħtitlu tweġiba minkejja t-talba tiegħu fix-xahar ta' Diċembru, peress li kien meħtieġ li wieħed jistenna ftehim min-naħa tas-SEAE u tal-Parlament dwar it-trasferiment tad-drittijiet. Fiha jissemma li ma setgħet issir ebda regolarizzazzjoni f'Diċembru peress li wliedu kienu għadhom imniżżlin taħt il-konjuġi tiegħu. Ir-rikorrent ġie informat f'dan ir-rigward mill-awtur tal-ittra elettronika dwar dan li ġej:

"Madankollu issa nara li kollox jidher ok fis-Sysper u għalhekk se nipproċedi għall-ħlas ta' 2/12 għal uliedek li ser tirċievi mas-salarju tiegħek ta' Frar."

33 Jeħtieġ li jiġi analizzat jekk din l-ittra elettronika tiffissax definittivament il-pożizzjoni tal-istituzzjoni li minnha ntbagħtet, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 31 iktar 'il fuq, billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kategorizzazzjoni bħala att li jikkawża preġudizzju ma tiddependix mill-forma jew mit-titolu ta' dan l-att iżda hija ddeterminata mis-sustanza tiegħu (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-15 ta' Jannar 2009, Braun-Neumann vs Il-Parlament, T-306/08 P, EU:T:2009:6, punt 32).

34 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi osservat, l-ewwel nett, li, kif isostni r-rikorrent, it-tweġiba tas-SEAE kif espressa fl-ittra elettronika tat-18 ta' Jannar 2021 ma hijiex suffiċjentement preċiża. Fil-fatt, ir-riferiment għal ħlas ta' "2/12" ma jippermettix li wieħed jifhem, fiha nnifisha, għal xiex tirreferi din il-perċentwali, jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni n-numru ta' parametri (ħlasijiet annwali għal erba' ulied). Għalkemm, fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli ulterjorment, b'mod partikolari l-ittra elettronika tal-PMO tad-29 ta' Marzu 2021, it-tweġiba tas-SEAE saret iktar espliċita u ppermettiet lir-rikorrent jitlob, permezz tal-ittra elettronika tiegħu tat-30 ta' Marzu 2021, il-ħlas tat-"12/12", l-informazzjoni mogħtija mis-SEAE fl-ittra elettronika tat-18 ta' Jannar 2021 ma kinitx suffiċjenti biex tiġi kkunsidrata bħala deċiżjoni li tiffissa definittivament il-pożizzjoni tas-SEAE u biex b'dan il-mod jingħata bidu għat-terminu ta' lment.

35 It-tieni nett, li kieku kellu jitqies li t-tweġiba dwar it-"2/12" kienet ċara biżżejjed biex wieħed jifhem li xahrejn fuq tnax-il xahar (tal-benefiċċju tal-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali) għal kull wieħed mill-erba' wlied tar-rikorrent kienu ser jitħallsu, din tibqa' tweġiba parzjali peress li ma tagħti ebda indikazzjoni dwar it-trattament irriżervat mill-amministrazzjoni għall-għaxar xhur li kien fadal.

36 Fil-fatt, mill-proċess jirriżulta li l-ittra elettronika tat-18 ta' Jannar 2021 tikkostitwixxi tweġiba għall-ittra elettronika tar-rikorrent tas-7 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha dan tal-aħħar indika lis-SEAE li kien ikkompleta l-validazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-ulied dipendenti tiegħu fis-Sysper u talab biex jiġi rregolarizzat il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali, talba li ġiet imtennija fl-14 u fit-18 ta' Jannar 2021.

37 Dan premess, filwaqt li t-talba tar-rikorrent kienet tirrigwarda l-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar annwali għall-2020, ir-riferiment għal ħlas ta' "2/12" għal ulied ir-rikorrent ma kienx jippermetti li wieħed jifhem li ġie rrifjutat il-ħlas tal-kumplament tas-somma. Moqrija fid-dawl tat-talba tar-rikorrent li għaliha kienet tikkostitwixxi tweġiba, l-ittra elettronika tat-18 ta' Jannar 2021 setgħet possibbilment iġġiegħlu jifhem li l-ħlas tas-somma li kien fadal kien ser isir.

38 It-tielet nett, il-kuntest tal-adozzjoni tal-att, jiġifieri l-aġir tas-SEAE wara l-ittra elettronika tat-18 ta' Jannar 2021, juri li s-SEAE nnifsu ma kienx iqis il-pożizzjoni tiegħu bħala definittiva.

39 Fil-fatt, fil-11 ta' Frar 2021, ir-rikorrent indika, permezz ta' ittra elettronika indirizzata lis-SEAE, li ma kienx irċieva l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għall-ulied dipendenti tiegħu mas-salarju tiegħu ta' Frar u bagħatlu kopja tal-karta tas-salarju tiegħu. F'din il-karta kien jirriżulta ħlas ta' EUR 3 506.26 bħala spejjeż tal-ivvjaġġar annwali. Ir-rikorrent tenna t-talba ta' ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali fil-15 ta' Marzu 2021. Kull darba l-PMO wieġeb li l-ħlas kellu jsir mas-salarju tax-xahar segwenti.

40 Huwa biss wara t-tielet talba min-naħa tar-rikorrent, fil-25 ta' Marzu 2021, li l-PMO informa lil dan tal-aħħar, permezz ta' ittra elettronika tad-29 ta' Marzu 2021, li, wara analiżi fid-dettall tal-fajl, kien jidher li kien diġà rċieva r-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tiegħu mas-salarji tiegħu tax-xhur ta' Awwissu 2020 (EUR 9 882.10), ta' Diċembru 2020 (EUR 1 273.32) u ta' Frar 2021 (EUR 3 506.26) u bagħatlu tabella bl-informazzjoni rilevanti f'dan ir-rigward.

41 Għalhekk, l-ittra elettronika tat-18 ta' Jannar 2021 ma tistax titqies li tiffissa l-pożizzjoni definittiva tas-SEAE fir-rigward tal-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tar-rikorrent fis-sens tal-ġurisprudenza esposta fil-punt 31 iktar 'il fuq. Għaldaqstant ma tistax tikkostitwixxi l-punt ta' bidu tat-terminu ta' tliet xhur previst mill-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.

42 L-ittra elettronika tad-29 ta' Marzu 2021 lanqas ma tista' tikkostitwixxi l-punt ta' bidu ta' dan it-terminu. Fil-fatt, minn naħa, din intbagħtet mill-PMO, u mhux mis-SEAE, li huwa l-awtorità kompetenti fil-qasam, hekk kif spjega s-SEAE fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu u fit-tweġibiet tiegħu għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali u kif jirriżulta min-nota tad-9 ta' Marzu 2020 (ara l-punt 3 iktar 'il fuq). Min-naħa l-oħra, għalkemm, permezz ta' din l-ittra elettronika, il-PMO spjega lir-rikorrent li "diġà kien irċieva l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar", dan ma ħax pożizzjoni fuq it-talba tar-rikorrent, li kienet intiża għall-ħlas sħiħ tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tiegħu għas-sena 2020. Barra minn hekk, ebda waħda mill-partijiet ma ssostni li l-ittra elettronika tad-29 ta' Marzu 2021 tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju.

43 Għaldaqstant ir-rikorrent kellu raġun, skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jadixxi lill-amministrazzjoni, fit-30 ta' Marzu 2021, b'talba li kienet tistedinha tieħu deċiżjoni fir-rigward tiegħu.

44 In-nuqqas ta' tweġiba għal din it-talba f'terminu ta' erba' xhur mill-jum tat-tressiq tal-imsemmija talba hija ekwivalenti, konformement mal-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, għal deċiżjoni impliċita ta' ċaħda u r-rikorrent ġustament ressaq ilment għall-annullament tagħha, fit-28 ta' Ottubru 2021, billi osserva t-teminu ta' tliet xhur previst mill-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 1980, Hochstrass vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, 147/79, EU:C:1980:238, punt 3).

45 Għaldaqstant, ir-rikors huwa ammissibbli.

Fuq is-suġġett tal-kawża

46 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, minkejja li t-talbiet tar-rikorrent huma wkoll intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tiegħu, sa fejn meħtieġ, ir-rikors preżenti għandu bħala effett li jadixxi lill-Qorti Ġenerali dwar l-att li jikkawża preġudizzju li kontrih tressaq l-ilment, jiġifieri d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba tar-rikorrent intiż għall-ħlas tal-ammonti kollha li fir-rigward tagħhom huwa kien iqis li għandu dritt inkwantu spejjeż tal-ivvjaġġar annwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Jannar 1989, Vainker vs Il-Parlament, 293/87, EU:C:1989:8, punt 8, u tal-5 ta' Diċembru 2000, Campogrande vs Il-Kummissjoni, T-136/98, EU:T:2000:281, punt 27), ħlief fl-ipoteżi fejn iċ-ċaħda tal-ilment ikollha portata differenti minn dik tal-att li kontrih tressaq dan l-ilment (sentenza tal-21 ta' Mejju 2014, Mocová vs Il-Kummissjoni, T-347/12 P, EU:T:2014:268, punt 34).

47 F'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment, li tikkonstata l-inammissibbiltà tal-ilment, hija nieqsa minn kontenut awtonomu meta mqabbel mad-deċiżjoni impliċita tat-30 ta' Lulju 2021.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikors għandu jitqies li huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tat-30 ta' Lulju 2021 li tiċħad it-talba tar-rikorrent għall-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għas-sena 2020 kollha fir-rigward tal-ulied dipendenti tiegħu.

Fuq il-mertu

49 Insostenn tat-talbiet għal annullament tiegħu, ir-rikorrent iqajjem żewġ motivi bbażati:

– l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba;

– it-tieni wieħed, fuq ksur tad-dmirijiet ta' premura u ta' diliġenza.

l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

50 Ir-rikorrent isostni li s-SEAE allega li l-informazzjoni inserita fis-Sysper dwar uliedu kienet żbaljata filwaqt li din l-informazzjoni missha ġiet inserita korrettament fil-profil Sysper tiegħu sa mill-2014. Ir-rikorrent talab il-korrezzjoni tal-informazzjoni tiegħu fis-Sysper bejn xahrejn u tliet xhur qabel id-data meta saret din il-korrezzjoni, f'Novembru 2020. Dan kellu bħala konsegwenza li ma setax isir il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali fl-intier tagħhom iżda biss għal xahrejn, u dan mix-xahar ta' Novembru 2020. Dan premess, ħlas parzjali jmur kontra d-dritt tiegħu għal ħlas għal sena kalendarja sħiħa. Barra minn hekk, id-dipartiment tar-riżorsi umani tas-SEAE huwa perfettament konxju dwar dawn l-iżbalji, li ma humiex responsabbiltà tar-rikorrent u li ma għandhomx jikkawżawlu preġudizzju. Ma huwiex neċessarju li wlied ir-rikorrent jidhru bħala persuni dipendenti sabiex dan jibbenefika mill-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għal dak li jikkonċerna lilhom.

51 Ir-rikorrent iżid li ma jistax jitlef id-dritt tiegħu għall-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tiegħu minħabba l-fatt li ma ressaqx it-talba tiegħu qabel it-2 ta' Mejju 2020. Fil-fatt, in-nota tad-9 ta' Marzu 2020 tindika, fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 6, li, "fil-każ ta' ulied li ż-żewġ ġenituri tagħhom [kienu] jaħdmu fl-istituzzjonijiet, [dawn tal-aħħar kienu] liberi li jitolbu l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar anwali għal [uliedhom] fuq il-bażi tal-post ta' oriġini tal-ġenitur l-ieħor", mingħajr ma tispeċifika data ta' skadenza. In-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 9 tal-istess dokument issemmi li d-data ta' skadenza tidħol fis-seħħ, "fil-każ ta' dħul fis-servizzi", "sena wara tmiem il-perijodu ta' prova" u, "fil-każ ta' mobbiltà jew ta' dħul fis-servizz mingħajr perijodu ta' prova", wara "sena" – informazzjoni li hija qarrieqa. Ir-rikorrent seta' fada din l-informazzjoni li kienet ġiet personalment ikkomunikata lilu pjuttost milli tagħrif disponibbli fuq l-intranet tad-dipartiment tiegħu u li dwaru huwa lanqas ma kellu għarfien. Taħt rieda ta' amministrazzjoni tajba, is-SEAE jmissu indikalu t-terminu tat-2 ta' Mejju fin-nota tad-9 ta' Marzu 2020.

52 Barra minn hekk, skont ir-rikorrent, is-SEAE ma jistax jinvoka l-ħlas, mill-Parlament, tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għas-sena 2020 favur il-konjuġi tiegħu, peress li l-aġir ta' awtorità ta' ħatra ma jistax jinfluwenza l-azzjonijiet ta' awtorità ta' ħatra oħra.

53 Ir-rikorrent iżid, fit-tweġibiet tiegħu għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali, li mill-informazzjoni sottomessa mis-SEAE jirriżulta li huwa dan tal-aħħar li huwa kompetenti biex jiffissa l-kundizzjonijiet ta' ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-benefiċċju tal-persunal tiegħu kkollokat barra mill-Unjoni. Hija nieqsa deċiżjoni formali li permezz tagħha l-kundizzjonijiet iffissati mill-PMO għal dan il-ħlas ġew adottati mis-SEAE.

54 Is-SEAE jikkonfuta l-argumenti tar-rikorrent u jirribatti li d-data ta' skadenza ffissata għall-bidla fil-benefiċjarju tal-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għas-sena kurrenti, jiġifieri t-2 ta' Mejju, ma ġietx osservata mir-rikorrent u li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali diġà kienu tħallsu lill-konjuġi tiegħu. Barra minn hekk, il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar lir-rikorrent għal xahrejn jikkostitwixxi żball amministrattiv favur dan tal-aħħar. Fil-fatt, ma huwiex possibbli li jitħallsu l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali lil aġent għal xahrejn biss.

55 Preliminarjament, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, minkejja d-dikjarazzjoni, mir-rikorrent, fil-kap tal-ewwel motiv tiegħu, ta' ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dan ma jressaqx argumenti dwar tali ksur.

56 Għandu jitfakkar li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi li "[l]-uffiċjali intitolati għal allowance ta' espatrijazzjoni jew ta' residenza barranija jkunu intitolati, fil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 2, għal ħlas b'rata fissa kull sena kalendarja li jkun jikkorrispondi għall-kost tal-ivvjaġġar mill-post tax-xogħol sal-post tal-oriġini […] għalihom infushom u, jekk ikunu intitolati għal allowance ta' entità domestika, għall-konjuġi u d-dipendenti fit-tifsira tal-Artikolu 2" tal-imsemmi anness. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tal-istess anness jipprovdi li, "[m]eta ż-żewġ konjuġi jkunu uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, kull wieħed għandu d-dritt għalih u għaliha, u għad-dipendenti, għal ħlas b'rata fissa tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq", li "kull dipendent ikun intitolat għal ħlas wieħed biss" u li, "[i]l-ħlas għat-tfal dipendenti huwa stabbilit fuq it-talba tal-konjuġi, abbażi tal-post ta' oriġini ta' wieħed minnhom".

57 Skont il-ġurisprudenza, l-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu bħala għan li jippermetti lill-uffiċjal u lill-persuni dipendenti tiegħu jivvjaġġaw, mill-inqas darba fis-sena, lejn il-post ta' oriġini tal-uffiċjal sabiex hemmhekk jippreżervaw rabtiet familjari, soċjali u kulturali

(ara s-sentenza tas-16 ta' Frar 2005, Reggimenti vs Il-Parlament, T-354/03, EU:T:2005:54, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tat-30 ta' April 2019, Ardalic *et* vs Il-Kunsill, T-523/16 u T-542/16, mhux ippubblikata, EU:T:2019:272, punt 104). Madankollu, huwa fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu li l-leġiżlatur iddeċieda li l-membri tas-servizz pubbliku tal-Unjoni jiġu rrimborsati l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali sostnuti fl-okkażjoni tal-leave annwali tagħhom, filwaqt li ebda regola superjuri tad-dritt tal-Unjoni jew tal-ordinament internazzjonali ma jobbligawh jirrikonoxxi tali drittijiet lill-uffiċjali u lill-membri tal-familja tagħhom. Għalhekk huwa għandu iktar u iktar setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet u tal-modalitajiet ta' tali rimbors (ara s-sentenza tat-30 ta' April 2019, Ardalic *et* vs Il-Kunsill, T-523/16 u T-542/16, mhux ippubblikata, EU:T:2019:272, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Skont l-Artikolu 8(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali huwa b'rata fissa u jsir fuq il-bażi ta' allowance kkalkolat għal kull kilometru ta' distanza ġeografika bejn il-post tax-xogħol tal-uffiċjal u l-post ta' oriġini tal-uffiċjal jew tal-membru tal-persunal.

59 Wara li kkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kumitat tal-Persunal, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 li tipprevedi dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal (iktar 'il quddiem id-"DĠI") applikabbli għas-SEAE bis-saħħa tad-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-3 ta' Frar 2014 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tat-22 ta' Novembru 2011 li tipprevedi dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni li jagħtu effett lir-Regolamenti tal-Persunal u lill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg.

60 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tad-DĠI jipprevedi li l-membru tal-persunal li jidħol fil-kariga matul sena kalendarja u li matul din is-sena jwettaq mill-inqas disa' xhur servizz jibbenefika mill-ħlas sħiħ tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali previst fl-Artikolu 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, li huwa ammont b'rata fissa. Huwa biss jekk, matul din is-sena, iwettaq inqas minn disa' xhur servizz li l-uffiċjal jew il-membru tal-persunal ikollu biss dritt għal parti mill-imsemmi ħlas, ikkalkolata bħala frazzjoni ta' tnax bi prorata għan-numru ta' xhur fis-servizz.

61 L-Artikolu 7 tad-DĠI jipprovdi li l-ħlasijiet previsti fl-Artikolu 8 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal isiru, kull sena, sa mhux iktar tard mix-xahar ta' Lulju fuq il-bażi ta' ċirkustanzi familjali ta' kull membru tal-persunal jew uffiċjal.

62 Bis-saħħa tal-Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz konkluż bejn il-PMO u s-SEAE, adottat fil-5 ta' Jannar 2011, il-ħlas tas-salarju tal-persunal tas-SEAE jsir mill-PMO. Barra minn hekk is-SEAE ddelega l-ġestjoni tal-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali lill-PMO għall-persunal tas-SEAE kkollokat fl-Unjoni. Bis-saħħa tal-Artikolu 16(1) ta' dan il-ftehim, il-PMO ffissa l-kundizzjonijiet li fihom jingħata l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali lil benefiċjarju ġdid għall-persunal ikkollokat fl-Unjoni, inkluż it-terminu tat-2 ta' Mejju. Fil-fatt, huwa ppreċiżat fuq il-paġna tal-intranet ipprovduta mir-rikorrent li l-ħlas isir lill-ġenitur li jirċievi l-allowances meta ż-żewġ ġenituri jaħdmu għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali jsir fuq il-bażi tal-post ta' oriġini ta' wieħed mill-ġenituri wara li ssir talba formali ffirmata miż-żewġ ġenituri. Fuq l-istess paġna tal-intranet huwa wkoll ippreċiżat li din it-talba ma tistax tkun retroattiva, li l-ħlas isir mas-salarju tax-xahar ta' Ġunju u li, konsegwentement, it-talbiet magħmula wara t-2 ta' Mejju ma jiġux ipproċessati għas-sena kurrenti.

63 Bi tweġiba għal mistoqsija bil-miktub tal-Qorti Ġenerali, is-SEAE, awtorità kompetenti għall-ġestjoni tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-persunal ikkollokat barra mill-Unjoni, ippreċiża li kien iddeċieda li jallinja ruħu mar-regola tal-PMO, taħt rieda ta' ugwaljanza fit-trattament u sabiex ikun jista' jsir ipproċessar fluwidu u koerenti tal-inseriment tad-drittijiet individwali differenti. B'hekk, ir-regola ddikjarata fil-paġna tal-intranet li tinkludi t-terminu tat-2 ta' Mejju ma tagħmilx distinzjoni bejn il-persunal ikkollokat fl-Unjoni u dak ikkollokat barra mill-Unjoni.

64 Din ir-regola hija aċċessibbli għall-persunal permezz tal-intranet. Din tirrifletti d-deċiżjoni impliċita tas-SEAE li tallinja s-sistema applikabbli għaż-żewġ kategoriji ta' persunal, jiġifieri l-persunal ikkollokat fl-Unjoni u dak ikkollokat barra mill-Unjoni. B'hekk tikkostitwixxi linja ta' gwida interna intiża li tiggarantixxi lill-uffiċjali kkonċernati trattament identiku fir-rigward tal-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li d-deċiżjoni ta' istituzzjoni, ikkomunikata lill-persunal kollu u li tippreċiża l-proċedura applikabbli fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha, tikkostitwixxi direttiva interna li għandha, bħala tali, tiġi kkunsidrata bħala regola ta' kondotta li l-amministrazzjoni timponi fuqha nnifisha u li minnha hija ma tistax tiddevja mingħajr ma tippreċiża r-raġunijiet li jkunu wassluha biex tagħmel hekk, taħt piena ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (ara, b'analoġija, is-sentenzi tad-9 ta' Lulju 2003, Efthymiou vs Il-Kunsill, T-22/01, EU:T:2003:197, punt 54, u tal-14 ta' Diċembru 2022, SU vs EIOPA, T-296/21, EU:T:2022:808, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Għaldaqstant, sabiex jiġi ġestit il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti fit-terminu previst mill-Artikolu 7 tad-DĠI, il-PMO seta' validament jiffissa t-terminu tat-2 ta' Mejju ta' kull sena għat-tressiq ta' talba prevista mill-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, li jiddetermina liema mill-postijiet ta' oriġini tal-ġenituri għandu jittieħed inkunsiderazzjoni bħala bażi għall-ħlas tagħhom. Fil-fatt, l-iffissar ta' tali terminu huwa kemm raġonevoli kif ukoll neċessarju sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni ta' bosta fajls mill-amministrazzjoni u l-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar fit-terminu previst mid-DĠI.

66 Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura ta' rata fissa tal-ħlas u tat-terminu ffissat mid-DĠI għal dan il-ħlas, il-PMO ma marx lil hinn mis-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu meta ppreveda li t-talba prevista mill-Artikolu 8(1) tar-Regolamenti tal-Persunal ma setgħetx tkun retroattiva. Fil-fatt, l-osservanza ta' dan it-terminu ma tikkundizzjonax il-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali, li huwa dritt statutorju u li jsir lil ġenitur jew lill-ieħor, iżda hija intiża sempliċement sabiex l-amministrazzjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, fi żmien utli, informazzjoni dwar id-distanza ġeografika li fuq il-bażi tagħha huwa kkalkolat l-ammont tal-ħlas.

67 F'dan il-każ, mill-proċess jirriżulta li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali tħallsu lill-konjuġi tar-rikorrent fuq il-bażi tad-distanza bejn Brussell u Madrid. Ir-rikorrent, li daħal fis-servizz mas-SEAE fis-16 ta' Frar 2020, kellu terminu suffiċjenti sabiex iressaq, flimkien mal-konjuġi tiegħu, it-talba prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, qabel it-2 ta' Mejju 2020.

68 Barra minn hekk, ir-rikorrent ma jistax validament jallega li ma kienx jaf li, sabiex l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tiegħu jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-post ta' kollokament tiegħu, kien meħtieġ li l-konjuġi tiegħu u huwa stess iressqu talba komuni għal dan il-għan. Minn naħa, din it-talba hija prevista mir-Regolamenti tal-Persunal u, fil-fatt, mill-ġurisprudenza, jirriżulta li l-uffiċjali u l-membri tal-persunal jitqiesu li għandhom għarfien tar-Regolamenti tal-Persunal (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 1999, Connolly vs Il-Kummissjoni, T-34/96 u T-163/96, EU:T:1999:102, punt 168 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Min-naħa l-oħra, il-possibbiltà li ssir tali talba, li kellha tkun komuni għaż-żewġ ġenituri, kienet inġiebet espliċitament u personalment għall-attenzjoni tar-rikorrent permezz tan-nota tad-9 ta' Marzu 2020 li kienet ġiet indirizzata lilu.

69 Fir-rigward tat-terminu li fih din it-talba għandha titressaq, ir-rikorrent isostni li huwa kien ġie mġiegħel jaħseb li t-terminu għat-tressiq tal-imsemmija talba kien ta' sena minħabba n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 9 tan-nota tad-9 ta' Marzu 2020, li kienet tindika li d-data ta' skadenza tidħol fis-seħħ, "fil-każ ta' dħul fis-servizzi", "sena wara tmiem il-perijodu ta' prova" u, "fil-każ ta' mobbiltà jew ta' dħul fis-servizz mingħajr perijodu ta' prova", wara "sena".

70 Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat. Fil-fatt, minn sempliċi qari tan-nota tad-9 ta' Marzu 2020 jirriżulta b'mod ċar li n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 9 tirrigwarda d-drittijiet relatati ma' ċaqliq li jseħħ wara dħul fis-servizz jew wara mobbiltà, u mhux l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali, li huma kkonċernati bin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 6.

71 Ir-rikorrent lanqas ma jista' jippretendi validament li ma kienx jaf it-terminu ffissat għat-tressiq tat-talba komuni prevista mill-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal u li kien ressaq din it-talba fi żmien utli.

72 L-ewwel nett, dan it-terminu huwa aċċessibbli għall-persunal tas-SEAE fuq il-paġna tal-intranet ipprovduta mir-rikorrent, liema fatt huwa suffiċjenti biex jiġi stabbilit l-għarfien tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal li għandhom aċċess għalih (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2013, Inglewood *et* vs Il-Parlament, T-229/11 u T-276/11, EU:T:2013:127, punti 33 u 34). It-tieni nett, fid-dawl tal-Artikolu 7 tad-DĠI, li jipprevedi li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali huma rrimborsati sa mhux iktar tard mix-xahar ta' Lulju, huwa possibbli li jiġi dedott li talba dwar dan il-ħlas għandha ssir fi żmien utli qabel din l-iskadenza sabiex l-amministrazzjoni tkun tista' tipproċessaha. It-tielet nett, ir-rikorrent jiddikjara li huwa ġie rreġistrat għall-ewwel darba bħala li huwa fis-servizz tal-Unjoni fl-2014, li jfisser li huwa kellu l-opportunità jiffamiljarizza ruħu mal-proċeduri ta' ħlas, filwaqt li d-dħul tiegħu fil-kariga mas-SEAE seħħ fi Frar 2020, li kien iħallilu biżżejjed żmien, bħala membru tal-persunal diliġenti, jinforma ruħu u jressaq, flimkien mal-konjuġi tiegħu, it-talba prevista mill-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, qabel it-2 ta' Mejju 2020.

73 Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li t-talba komuni min-naħa tar-rikorrent u tal-konjuġi tiegħu ġiet iffinalizzata biss fid-29 ta' Ġunju 2020, is-SEAE ma kisirx l-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal billi ma pproċediex għall-ħlas sħiħ tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tar-rikorrent fuq il-bażi tad-distanza bejn Madrid u Washington.

74 Din il-konklużjoni ma tistax titqiegħed inkwistjoni bl-argumenti tar-rikorrent dwar l-iżbalji fil-kont Sysper tiegħu u allegat ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

75 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-proċess kollu, l-allegati żbalji fis-Sysper kif ukoll l-assenza ta' tweġiba ċara min-naħa tas-SEAE dwar id-drittijiet tar-rikorrent kienu mingħajr effett fuq ir-rifjut li jsir il-ħlas sħiħ tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għal ulied il-koppja fuq il-bażi tad-distanza bejn Washington u Madrid. Dan ir-rifjut huwa l-konsegwenza tal-fatt li r-rikorrent ressaq it-talba komuni prevista mill-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal b'mod tardiv, hekk kif enfasizza l-PMO, li jiżgura l-ġestjoni tal-ħlasijiet f'isem is-SEAE, fl-ittra elettronika tad-29 ta' Ġunju 2020, u kif fakkar is-SEAE fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment tal-14 ta' April 2022. Huwa minħabba dan

id-dewmien fit-tressiq tat-talba komuni li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għall-ulied dipendenti tal-koppja tħallsu lill-konjuġi tar-rikorrent, fuq il-bażi tad-distanza bejn Brussell u Madrid, u mhux lir-rikorrent.

76 Għaldaqstant, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-dmirijiet ta' premura u ta' diliġenza

77 Ir-rikorrent isostni li s-SEAE ma osservax id-dmirijiet ta' premura u ta' diliġenza peress li la ħa inkunsiderazzjoni l-interess tar-rikorrent, la l-kuntest partikolari tal-pandemija tal-COVID-19 u lanqas il-fatt li l-oriġini tal-problema kienet tinsab fl-iżbalji amministrattivi mwettqa mill-amministrazzjoni.

78 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dmir ta' premura tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-membri tal-persunal tagħha jirrifletti l-ekwilibriju tad-drittijiet u tal-obbligi reċiproċi li r-Regolamenti tal-Persunal ħolqu fir-relazzjonijiet bejn l-awtorità pubblika u l-membri tal-persunal tas-servizz pubbliku. Dan id-dmir, kif ukoll il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, jimplika b'mod partikolari li, meta tiddeċiedi dwar is-sitwazzjoni ta' uffiċjal, l-awtorità kompetenti tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li jistgħu jiddeterminaw id-deċiżjoni tagħha u li, billi tagħmel hekk, hija ma tiħux biss inkunsiderazzjoni l-interess tas-servizz iżda wkoll dak tal-uffiċjal ikkonċernat (ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2003, Pyres vs Il-Kummissjoni, T-72/01, EU:T:2003:176, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 Dan premess, qabel kollox, ir-rikorrent ma jinvokax f'xiex l-amministrazzjoni ma bbilanċjatx l-interessi tagħha u l-interess tas-servizz meta sempliċement applikat għall-każ tagħha t-terminu għat-tressiq tat-talba komuni prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

80 Sussegwentement, ir-rikorrent lanqas ma jispjega kif is-saħħa tiegħu hija affettwata fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 78 iktar 'il fuq. Ir-riferiment ġenerali għall-pandemija tal-COVID-19 li kellha bħala konsegwenza li tqiegħed fuq telexogħol u li kellu jirritorna Brussell ma huwiex suffiċjenti f'dan ir-rigward.

81 Fl-aħħar nett, kif issemma fil-punt 75 iktar 'il fuq, l-allegati żbalji mwettqa mill-amministrazzjoni dwar il-ġestjoni tal-fajl tiegħu huma mingħajr effett fuq il-fatt li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għal ulied il-koppja tħallsu lill-konjuġi tar-rikorrent u mhux lir-rikorrent, li huwa dovut għad-dewmien fit-tressiq tat-talba komuni prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Għalhekk, din is-sitwazzjoni lanqas ma tista' tikkostitwixxi ksur tad-dmirijiet ta' diliġenza u ta' premura.

82 Konsegwentement l-argumenti tar-rikorrent ma jistgħux jintlaqgħu u t-tieni motiv tiegħu għandu jiġi miċħud.

83 Għaldaqstant, ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

84 Skont l-Artikolu 135(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, din tal-aħħar tista' tikkundanna parti, anki rebbieħa, parzjalment jew totalment għall-ispejjeż, jekk dan ikun jidher ġustifikat minħabba l-aġir tagħha, inkluż qabel ma tkun tressqet il-kawża.

85 F'dan il-każ, mill-atti tal-proċess jirriżulta li r-rikorrent ma setax jikseb, minkejja l-ħafna talbiet tiegħu, tweġiba ċara u kompleta mill-awtorità kompetenti, jiġifieri s-SEAE, dwar il-mertu tat-talba tiegħu għall-ħlas tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar annwali għas-sena 2020 kollha fir-rigward ta' wliedu. Fil-fatt, anki fid-deċiżjoni tiegħu ta' ċaħda tal-ilment, is-SEAE sempliċement ċaħad l-ilment bħala inammissibbli. Il-fatt li s-SEAE kkunsidra b'mod żbaljat li l-ilment tar-rikorrent kien tardiv iffavorizza, minn tal-inqas parzjalment, il-ħolqien ta' tilwima (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2018, CRM vs Il-Kummissjoni, T-43/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:208, punti 105 sa 108).

86 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali tqis li ċ-ċirkustanzi tal-każ jiġġustifikaw li s-SEAE jiġi kkundannat għall-ispejjeż rispettivi tiegħu u għal nofs tal-ispejjeż sostnuti mir-rikorrent. Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent għandu jbati nofs l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu u nofs l-ispejjeż sostnuti minn PW.**

3) **PW għandu jbati nofs l-ispejjeż rispettivi tiegħu.**

da Silva Passos Gervasoni Pynnä

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-2 ta' Ottubru 2024.

Firem